MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 20/2012

**Gozo Aluminium Ltd.**

**Vs.**

**Tarcisio Cremona et**

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf mitejn u sitt ewro (€1,206) flimkien ma' l-interessi kummercjali rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenuti jew min minnhom ghal bejgh ta' merkanzija u servizzi rezi. Dan bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali spedita (numru 38/2012) u tal-mandati kawtelatorji, hemm msemmija fl-avviz.

Il-konvenuti wiegbu billi eccepew illi (1) ix-xogholijiet indikati fl-istima (quotation) ma sarux kollha (2) l-ammont mitlub huwa wiehed ezagerat, tant li l-prezz tat-tiswijiet

issupera l-prezzz tal-bieb intier (3) giet eccepita wkoll it-tpacija ma ammont talvolta dovut lill-konvenuti ghall-prezz ta’ sollijiet tal-irham u f’valur ta’ insect screens li l-valur taghhom thallas f’kontanti, izda dawn qatt ma gew suppliti fl-ammont totali ta’ elf u tmienja u sebghin Ewro u sittin centezmu (€ 1078.60)

Permezz ta’ kontro-talba l-konvenuti talbu lil kumpanija attrici thallashom is-somma  totali ta’ elf u tmienja u sebghin Ewro u sitin centezmu (€1078.60) dovuti kwantu ghal mitejn u tmienja u temin ewro u erbgha u disghin centezmu (€288.94) prezz ta’ erba’ sollijiet ta’ l-irham u r-rimanenti seba’ mija u disgha u tmenin Ewro u sitta u sittin centenzmu (€789.66) Valur ta’ insect screens, mhallsa izda li qatt ma gew suppliti.

Illi ghal din il-kontrotalba il-kumpanija attrici rrispondiet (1) illi t-talba ghall-hlas tas-sollijiet hi preskritta ai termini ta’ l-artikoli (2148 (a) ; 2148 (b)  u (2149 (a)  tal-kap 16  tal-Ligijiet ta’ Malta (2) Illi kwantu ghat-talba ghal hlas tas-sollijiet din ma tistax tirnexxi kontra s-socjeta attrici stante illi ma kinitx hi li ordnat l-istess xoghol (3) illi l-ammont ghal hlas ta’ sollijiet mhux dovut (4) illi t-talba ghal hlas ta’ l-insect screens hija preskritta ai termini ta’ l-artikoli 1027 u 2156 (f) (5) illi l-kumpanija attrici ssuppliet dak kollu li kienet obbligata tissuplixi (6) illi finalment l-kumpanija attrici eccepiet illi l-kontro talba hija biss skuza biex l-konvenuti ma jhallsux dak minnhom dovut.

Ra d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tas- sitta (6) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li  permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Sema’ d-diversi xhieda mressqa mill-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha esebiti, u l-bqija ta’ l-atti.

Ikkunsidra.

Illi qabel xejn it-Tribunal qed jikkonvalida r-risposta tal-atturi moghtija ghall-kontro talba tal-konvenut. Din ma saritx fuq il-formula preskritta mil-ligi. Izda quddiem dan it-Tribunal fejn in-norma hija l-ispeditezza u n-nuqqas ta' fomalita; u fejn it-Tribunal huwa prekluz minn li japplika s-sanzjoni tan-nullita minhabba xi difetti formali; ikun biss necessarju u legalment opportun illi din ir-risposta titqies bhala wahda valida ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Fil-kawza tagha il-kumpanija attrici  qed tirrreklama il-hlas ta' elf mitejn u sitt Ewro (€1206) bhala prezz ta' tiswija ta' bieb.

Kwistjoni li ma tissemmiex fl-eccezzjonijiet izda li tqajjemet fit-trattazzjoni tal-kawza kienet il-kwistjoni ta' min verament hu l-legittimu kontradittur. Eccezzjoni bhal din preferibilment kellha tissemma fost l-eccezzjonijiet tal-kawza. Izda minkejja dan, it-Tribunal jhoss illi hu importanti u gust li jindirizza u jiddetermina dan l-istess punt. Il-kawza giet intavolata kontra Tarcisio Cremona u Tarsons Limited.

Jidher illi meta sehh l-akkadut, ossia r-rejat kriminali ta' hsara voluntarja fil-propjeta, minn certa John Azzoppardi, li wassal ghal bzonn ta' tiswija fil-bieb, Brian Attard ta' Gozo Aluminium Limited gie msejjah fuq il-post anke fil-prezenza tal-pulizija. Huwa sab lil Tarcisju Cremona fuq il-post. Qatt ma gie specifikat lilu minn xi hadd li Cremona kien qed jagixxi in rapprezentanza ta' xi kumpanija. In oltre jigi notat illi l-proceduri kriminali kontra John Azzoppardi li gew konkluzi  bis-sentenza tat- tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) - esebita a fol 74 tal-process; u li fihom Tarciosio Cremona jidher bhala l-parti leza, u mnejn jirrizulta li effttivament kien Tarcisio Cremona thllaas tad-danni sofferrti kif di piu jikkonferma John Azzoppardi inniffsu quddiem dan it-Tribunal; dawn isemmu illi danni fil-bieb gew sofferrti minn Tarcisio Cremona inniffsu (ara l-ewwel imputazzjoni). Fl-akkuza ma tissemma l-ebda persuna ohra. Dan jindika illi fil-mument ta' l-akkadut, nkluz mal-pulizija Tarcisio Cremona ta' x'wiehed jifhem li hu kien is-sid u li l-hsara grat lilu.  L-istima tad-danni li giet mahruga inharget ukoll fuq Tarcisio

Cremona, u ma jirrizultax li kien hemm xi oggezzjoni da parti ta’ Cremona ghal dan.

Kien fid-dmir ta’ Tarcisio Cremona illi jekk kien qed jagixxi ghal xi terz f’dan il-kaz kumpanija li jidentifika u jiccara li hu ma kienx qed jagixxi personalment Dan in lineja ma dak deciz fil-kawza fl-ismijiet **Charles O’Flaherty noe vs Joseph Micallef** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Gunju ta’ l-elf disgha mija sebgha u tmenin (1987) fejn inghad:-

“*Illi f’dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut huwa obbligat personalment ghal hlas, peress li ma’ jirrizultax li fiz-zmien memta kien qed isisr in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta attrici li l-hlas ma’ kellux isir minnu izda minn socjeta kummercjali*”.

Similment gie deciz mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tal-ghaxra (10) ta’ Mejju ta’ l-elf disa’ mija u disghin (1990) fl-**ismijiet Charles Mizzi et noe vs Teddy sive’ Edward Borg** fejn intqal:-

“*La darba irrizulta li l-ordni saret mill-konvenut, sta ghal istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma’ ghamiliex f’ismu personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma’ ssirx ghas-sodisfazjon tal-Qorti, jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghal konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mil-istess ordni li ghamel”.*

L-istess insenjament sar fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-wiehed u ghoxrin (21) Marzu ta’ l-elfejn u tnejn (2002) fl-ismijiet **Camel Brand Company Limited vs Michael Debono** fejn gie ribadit:-

“*Illi din il-Qorti temmen li meta n-negozju jkun gestit minn socjeta b’responsabilita limitata u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan bl-akbar mod car u inekwivoku lill-terzi li jkunu qed jinnegozjaw maghha”***.**

Ghalhekk il-kumpanija attrici kienet korrettissima meta agixxiet kontra Tarcisio Cremona personalment. Minn naha l-ohra Cremona kif appena ircieva l-ittra ufficcjali li precediet din il-kawza (ittra numru 38/2012), irrisponda fejn qal li hu kien qed jagixi ghan nom tal-kumpanija Tarsons Limited; dan meta qabel ma jirrizultax li zvela dan il-fatt. It-Tribunal jifhem illi haga bhal din setghet tifxel lill-kumpanija attrici dwar ma' min kienet qed tikkuntratta, u t-Tribunal ma jista ilumha f'li minhabba d-ddubbju mressaq mill-konvenut Cremona, tissalvagwardja l-interessi taghha billi ticcita iz-zewg konvenuti

Fic-cirkostanzi ghalhekk dan it-Tribunal jemmen illi l-atturi kienu korretti f'li jiccitaw kemm lil Tarcisio Cremona personalment kif ukoll lil Tarsons Limited.

Illi fil-mertu l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma tlieta (1) wahda li xoghol ma sarx kompletament (2) l-ohra illi l-ammont hu ezagerat u (3) illi tezisti tpacija mal-ammont mitlub fil-kontro talba.

Ma ngabet l-ebda prova li kien hemm xi xoghol fil-bieb li ghadu ma sarx. Tul il-kawza il-konvenuti aktar kienu iffokati fuq il-fatt illi l-kont tat-tiswijiet kien ezagerat.

Ma hemmx dubbju illi x-xoghol sar. Fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza hemm hafna alleggazzjonijiet li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha. Ghaldarba ohra jigi notat illi eccezzjoni formali ghal dan ma inghatax. Izda dan it-Tribunal li anke mar fuq il-post jara' l-bieb in kwistjoni ma jikkondividix dawn il-lamenteli tal-konvenuti. Ma huwiex minnu li l-bieb huwa qasir. Hija haga normali f'kull bieb li ma jkunx imkahhal mal-art, u li allura jithalla spazju zghir, bejn l-art u l-bieb. Dan tenut kont tal-fatt ukoll li fuq in-naha ta' gewwa tal-bieb il-madum ikun jaqleb 'l barra u ghalhekk aktar mal-bieb jinfetah 'l gewwa aktar il-madum ikun gholi. It-Tribunal ikkonferma li dan hekk kien fil-kaz odjern, tant li meta jinfetah il-bieb l-ispazju msemmi jigi kwazi newtralizzat ghal kollox.

Ilment iehor kien illi l-kulur ta' parti mill-bieb ma taqbilx mal-bqija. Jidher illi huwa minnu illi l-parti ta' isfel tal-bieb

hija ta' kulur b'tonalita aktar cara mill-parti ta' fuq. Pero t-Tribunal jirrileva illi dawk il-partijiet fejn allegatament il-kulur ma jaqbilx kienu hemm sa minn qabel il-bieb ma ssewwa – ara ritratt a fol 86 tal-process fejn jider il-bieb qabel ma ssewwa bil-parti ta' isfel ikkulurita differenti mil-bqija tal-bieb. Ghalhekk mhux il-kaz li dan l-ilmnet jingieb f'dan l-istadju u tali lment messu ngieb meta gie supplit l-bieb l-ewwel darba.

Ilment iehor huwa xi daqqa li ghadha tidher fuq xi parti tal-bieb – izda l-parti fejn tidher din id-daqqa, mhix parti mill-bieb li nbidlet u li kwindi ma gietx inkluza fil-kont, u dan apparti li ma ngabet l-ebda prova quddiem it-tribnal jekk dik id-daqqa kinitx konsegwenza ta' l-incident ta' John Azzoparrdi jew jekk sehhitx f' xi zmien iehor qabel jew wara l-incident. Ghalhekk it-tribinal ma jaqbilx ma l-ilment li t-tiswijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha.

L-eccezzjoni principalment tghid li l-prezz tat-tiswjiet hu esegerat tant li ssupera l-prezz tal-bieb originali. Din l-eccezzjoni hija fil-fhema ta' dan it-tribnal wahda frivola u vessatorja. Kif jistghu qatt il-konvenuti jikkontestaw l-ammont meta huma diga thallsu dan l-ammont intier minn ghand min ikkaguna l-hsara! Jista' jkun prezz esegerat fuq li esegerat izda galadarba l-konvenuti accettawh u qaghadu ghalieh meta talbuh u thallsu tieghu minn John Azzoppardi, dan ifisser illi tacitament accettawh u ma jistghux jikkontestawh aktar. Ghal kuntrarju galadarba accettawh u thallsu tieghu l-anqas ghandhom interess li jikkontestawh! Kieku dan it-Tribunal kellu jaccetta din l-eccezzjoni ikun qed jaghlaq ghajneh quddiem arrekament indebitu operat ghad-dannu ta' John Azzoppardi li qabad hallas lil konvenut Cremona bla kontestazzjoni, li min-naha tieghu accetta l-hlas. Jekk tintlaqa din l-eccezzjoni dan ma jkun xejn frodi ghad-dannu ta' terz. Il-konvenuti li gia thallsu l-ammont kollu messhom jafu dan, u messhom l-anqas intavolaw dik l-eccezzjoni. L-ewwel zewgt eccezzjonijiet ghalhekk qed jigu respinti.

L-eccezzjoni sussegwenti titlob u tirrekjadi li tigi nvestigata l-kontro talba.

Il-kontro talba hija ghal hlas ta’ elf u tmienja u sebghin Ewro u sittin centezmu (€1078.60) dovuti kwantu ghal mitejn u tmienja u temin ewro u erbgha u disghin centezmu ( €288.94) prezz ta’ erba’ sollijiet ta’ rham u r-rseba mija u disgha u tmenin Ewro u sitta u sittin centenzmu (€789.66) valur ta’ insect screens, mhallsa izda li qatt ma gew suppliti.

L-ewwel eccezzjoni titratt l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikoli 2148 (b) u 2149 (a) tal-kap 16 tal-Ligijeit ta’ Malta. Din l-eccezzjoni trid tigi trattata qabel kollox.

Jigi notat illli t-tieni eccezzjoni tal-attur rikonvezjonat titratta l-inezisteza assoluta ta’ dan il-kreditu fil-konfronttaghha, dan ghaliex qed jinghad illi l-kreditu mhux dovut minnha izda minn kumpanija ohra u li kwindi mhix il-legittmu kontradittur. L-eccezzjoni ta’ l-inezistenza assolta tal-kreditu (simili ghal dik odjerna) anke jekk tinghata bla pregudizzju ghal l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha l-effett li xxejjen l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ( **Vella Raymond vs Moby Rentals Limited –** Appell Inferjuri 22/11/2001 u **Vella Guido J A&CE Vs Cefai Dr. Emanuel** Appell Superjuri 05/10/2001).

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata ma tistax tirnexxi. U ghal grazzja ta’ l-argument anke kieku dan ma kiex il-kaz, l-azzjoni ma hijiex preskritta ghaliex kwantu diretta kontra kumpanija b’responsabilita limitata u li l-atti kollha taghha jikkwalifikaw bhala att ta’ kummerc ai termini ta’ l-Artikolu 5 (e) tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13 tal-Ligijiet ta Malta u kwindi presrivibbli bil-preskrizzjoni kwenkannali taht l-artikolu 2156 (f) tal-Kap sittax tal-Ligjiet ta Malta.

Illi fir-raba eccezzjoni taghha l-kumpanija attrici rikonvenzjonata teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikoli 1027 u 2156 (f) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta. Bil-hames eccezzjoni taghha il-kumpanija attrici qed tghid illi fir-rigward ta’ l-insect screens hija fil-fatt issuppliet dak kollu li kellha tissupplixxi u xejn aktar. Din l-eccezzjoni giet elaborata bil-provi fis-smigh tal-kawza, fejn gie sostnut mill-kumpanija attrici illi fil-fatt dawn l-insect screens qatt

ma gew ordnati minn ghandha u qatt ma nharget talba ghal hlas ghlihom. Ghal darba ohra dan ifisser illi l-kumpanija attrici qed tikkontesta l-ezistenza ta’ din l-obbligazzjoni. Kwindi ghar-ragunijiet suesposti peress illi din l-eccezzjoni hija inkompatibbli ma l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u vici versa, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tregi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jirresppingi l-eccezzjonijiet numru wiehed (1) u erbgha (4) tal-kumpanija attrici rikonvenzjonata.

Dwar l-ewwel parti tal-kontro talba cioe l-hlas tas-sollijiet ta’ l-irham, wara li t-Tribunal fela l-provi bir-reqqa, huwa jemmen verament illi dan ix-xoghol twettaq fuq inkarigu tal-kumpanija Island Developments li hija s-sid tal-propjeta. Ghalkemm it-Tribunal ghandu id-dubbji tieghu fuq il-korrezzjoni li saret fl-invoice (esbita a fol 121) fejn gie ingassat l-isem ‘Gozo Aluminjum’ u sostitwit bl-isem ‘Island Developments’ il-bqija tal-provi jimmilitaw favur il-propabilita rikjesta mil-ligi fil-kamp civili illi Tarcisio Cremona li jirrizulta li kien ilu ghal numru ta’ snin jahdem ma’ l-attrici u ma kumpaniji ohra ta’ l-istess socji kien jaf illi l-kumpania attrici ma tahdimx fil-qasam tal-propjeta u hija Island Developments Limited li tahdem f’dan il-kamp. Id-dokument a fol 117 et seq tal-proces jikkonferma dan ukoll. Izda il-prova kardinali tohrog mic-cheque esebit a fol 115 tal-process u li l-mamma tieghu tinsab esebita a fol 122 tal-process li juri li effittivament dawn is-sollijiet thallsu u thallsu minn Island Developments Limited. It-Tribunal jemmen illi verament dak ic-cheque kien jirrelata ghal dawk is-sollijiet; bil prova tac-cheque, l-prova tal-pagament giet skarikata, u kien jispetta lil konvenut illi jipprova illi dak il-pagament kien jirrelata ghal xi haga ohra. Il-fatt illi thallset is-somma ta’ mitejn u tmienja u tmenin Ewro u ma thallsux ic-centezmi, ma jfisser xejn ghaliex hija prassi kommuni fin-negozju illi l-hlasijiet isiru ghad-dritt minghajr ic-centenzmi.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jhossx illi t-talba ghall-hlas ta’ mitejn u tmienja u tmenin Ewro u erbgha u disghin centezmu ghandha tirnexxi, kemm ghaliex din fil-verita

kienet obligazzjoni kontrattata ma’ kumpanija ohra, u kemm ghaliex fil-vertia dan l-ammont thallas.

Dwar il-valur ta’ l-insect screens li skond il-konvenut gie mitlub il-hlas taghhom mentri fil-verita qatt ma gew suppliti jirrizulta illi ghalkemm huwa minnu illi dawn gew inkluzi fl-istima dawn fil-fatt ma sarux pero min naha l-ohra ma jirrizultax illi dawn gew inkluzi fil-kont. Dan jaghti wiehed x’jifhem, illi dawn ma gewx ordnati, izda anke jekk fil-verita dawn gew ordnati u l-kumpanija attrici ma ghamlithomx, jibqa il-fatt illi hlas taghhom qatt ma ntalab. Il-kumpanija attrici gabet prova sufficcenti ta’ dan anke meta esebiet il-fatturi kollha ta’ xoghol simili li hija iirrendiet lil konvenut, biex wiehed jikjonferma illi ta’dawn l-insect screens qatt ma ntalab hlas. L-invoice relattiva ghal dik l-istima partijokari hija esebita Dokument TC 2 (a fol 83) u din ma tinkludix  l-insect screens. Ghalhekk l-anqas din it-talba ma tista tirnexxi.

L-imghaxijiet huma mitluba mid-data tal-fattura. It-Tribunal ukoll jemmen illi din it-talba ghandha tigi akkolta. Galadara hawn qeghdin fil-kamp kummercjali  fejn ex admissis l-konvenut Tarcisio Cremona jghid fir-risposta ghal l-ittra ufficcjali illi x-xogholijiet saru ghal beneficcju ta’ kumpaija kummercjali, ghandhom jiddekorru imghaxijiet kummercjali li f’dan il-kamp jibdew jghoddu awtomatikament minghajr il-htiega ta’ ittra ufficcjali. Il-fattura esebita a fol 14, hija datata is-sebgha (7) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012).

Dwar l-ispejjes dawn ghandhom jigu sopportanti kollha mill-konvenuti hlief ghal dik il-parti fil-kontro talba fejn gew respinti l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni tal-kumpanija attrici rikonvenzjonata.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi (1) jilqa it-talbiet attrici, jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jikkundanna lil istess konvenuti ihallsu lil kumpanija attrici  is-somma ta’ elf mitejn u sitt ewro (€1206) bl-imghaxijiet mid-data tas-7 ta’ Mejju 2012. L-ispejjes tat-talba originali ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti; (2) dwar il-kontro

talba dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi l-istess billi jichad l-ewwel u r-raba' eccezzjonijiet tal-kumpanija attrici, jilqa' l-bqija ta' l-eccezzjonijiet, u jichad il-kontro talba tal-konvenuti. L-ispejjes tal-kontro talba jithallsu kwantu ghal erba tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti u kwart (1/4) mill kumpanija attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------